**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 19 ta' Jannar 2024**

**Kumpilazzjoni Numru 50/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Charlene Nadine Spiteri**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Charlene Nadine Spiteri, ta' 34 sena, li ghandha n-numru tal-karta tal-identita' 760118(L), fejn ġiet akkużatha talli:

*"nhar it-18 ta' Settembru 2021, ghall-habta 12.30p.m. u fil-hinjiet u l-gurnata ta' qabel gewwa l-appartament 'Phyrso', P.H. 2, Triq Majmuna, Xewkija, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi;*

1. *U aktar talli fl-istess data, lok, hin u ċirkostanzi permezz ta' strument li jaqta' u bil-ponta, ikkaġunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' żewgħa Stefan Spiteri, hekk kif ġie ċċertifikat minn Dr. Thea Chetcuti M.D. Reg. No. 3330 minn Centru tas-Saħħa tar-Rabat, Għawdex u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 216 u 217 tal-Kap. 9;*

2. *U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi u fil-ġrannt ta' qabel inġurjat bi kliem jew b'mod iehor lil żewġħa Stefan Spiteri u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9;*

3. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi kkaġunat biza' lil zewġħa Stefan Spiteri, li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tiegħu dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9;*

*F'kaz ta' ħtija il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Stefan Spiteri u dan ai termini tal-Art. 382A u 383 et seq. tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Il-Qorti hi ġentilment mitluba illi minn issa tipprovdi għall-garanzija ta' Stefan Spiteri skont Artikolu 412 (C) tal-Kap. 9 tal-Kodiċi Kriminali;"*

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati.

Semgħet il-provi prodotti.

Rat l-artikoli maħruġa mill-Avukat Ġenerali.

Rat li l-imputata ma kellhiex oġġezzjoni li din il-kawza tinstema' bil-proċedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza kif ukoll l-atti kollha tal-kawza Pulizija vs Stefan Spiteri (Kumpilazzjoni numru 49/2021).

**Ikkunsidrat:**

Fil-mori ta' dawn il-proċeduri u fil-proċeduri meħuda kontra Stefan Spiteri (Kumpilazzjoni numru 49/2021) xehdu varji xhieda u cioe':

i. L-Ispettur Bernard Charles Spiteri li spjega dak li ġie rrapportat lilu dwar argument familjari li seħħ bejn Stefan Spiteri u Charlene Nadine Spiteri, kif ukoll ippreżenta varji dokumenti.
ii. Dottor Thea Chetcuti li xehdet dwar iċ-ċertifikati mediċi li ġew rilaxxati minnha fil-konfront ta' Stefan Spiteri u Charlene Nadine Spiteri.
iii. PS 156 Ivan Attard li xehed dwar l-involviment tiegħu f' dan l-argument familjari.
iv. PC2258 Rodianne Camilleri li xehdet dwar l-invovliment tagħha f'dan l-argument familjari.
v. PS715 Lucian Gatt li xehed dwar rapport li kienet għamlet Charlene Nadine Spiteri fis-16 ta' Settembru 2021.
vi. PS 664 Jason Xerri li xehed dwar rapport li sar minn Stefan Spiteri fis-17 ta' Settembru 2021.

vii. Dr Edward Cherubino li wara li espleta l-inkarigu tiegħu kkonkluda li l-ġrieħi sofferti minn Stefan Spiteri u Charlene Nadine Spiteri huma ġrieħi ħfief u m' hemm l-ebda permanenza tal-ebda marka.

viii. L-Ispettur Eman Hayman li xehed dwar id-digriet tal-ħelsien mill-arrest maħruġ fil-konfront ta' Stefan Spiteri.

ix. Dottor Daniel Calleja li ppreżenta traduzzjoni tax-xhieda kollha mogħtija.

x. Georgette Fenech li xehdet li xi darba kmieni filgħodu kellha tigi Ghawdex biex tiġbor lil Stefan Spiteri għaliex kien ġie msakkar barra u ma kellux fejn jorqod.

xi. Stefan Spiteri li xehed dwar dak li allegatament ġara bejnu u bejn Charlene Nadine Spiteri.

xii. Charlene Nadine Spiteri li xehdet dwar dak li allegatament ġara bejnha u bejn Stefan Spiteri.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, u cioe' li l-imputata kkaġunat griehi ta' natura gravi fuq Stefan Spiteri, il-Prosekuzzjoni ppreżentat iċ-ċertifikat mediku relattiv kif ukoll tellgħet bhala xhud lil Dr Thea Chetcuti li kkonfermat il-kontenut ta' dan iċ-ċertifikat mediku. Ġie wkoll inkarigat Dr E Cherubino li wara li eżamina lil Stefan Spiteri kkonferma fir-rapport ippreżentat minnu li dan sofra biss ġrieħi hfief. Din il-Qorti qieset il-kontenut taċ-ċertifikat mediku rigwardanti l-ġrieħi li sofra Stefan Spiteri. Qieset ukoll li skont Dr Thea Chetcuti hija kkonkludiet li l-ġrieħi kienu gravi għax kellu bzonn punt wieħed f' subgħajh minħabba qata' li kellu. Din il-

Qorti tqies fil-fehma umli tagħha li tali ġrieħi ma jirrafigurawx ruħhom bhala ġriehi gravi u ta' dan għandha l-komfort tar-rapport ippreparat minn Dr Cherubino li kkonferma li dawn huma ġrieħi ħfief li ma ħallew l-ebda marka permanenti.

Issa dwar id-dinamika ta' kif seħħew dawn il-ġrieħi, fix-xhieda tiegħu, Stefan Spiteri xehed li fl-inċident tat-18 ta' Settembru 2021, Charlene Nadine Spiteri bdiet tissutta l-oġġetti għalih u f' ħin minnhom waddbet sikkina għalih li laqtitu f' idejħ bil-konsegwenza li ġarrab xi ġrieħi li kienu jimmeritaw kura medika. Dan l-episodju ġie kkorraborat mill-istess Stefan Spiteri a tempo vergine u in fatti gie nkluż fir-rapport eżebit bhala Dok IA1. Din is-sikkina ġiet elevata u ppreżentata f' dawn il-proċeduri bhala Dok IA2 minn PS 156 Ivan Attard.

Charlene Nadine Spiteri ċaħdet li hija kkaġunat xi ġrieħi lil Stefan Spiteri fix-xhieda tagħha mogħtija fid-19 ta' April 2023). Hija caħdet ukoll dan kollu fl-istqarrija li kienet irrilaxxat a tempo vergine. Madanakollu, din il-Qorti tqies li hija ma tistax tistrieħ fuq dak li sostniet Charlene Nadine Spiteri u dana peress li meta wieħed iqies il-kontenut ta' l-istqarrija u l-kontenut tax-xhieda mogħtija minnha fid-19 ta' April 2023, jirriżulta li l-verzjonijiet huma kompletament opposti u ma jaqblux.

Mill-assjem tal-provi miġbura, din il-Qorti tqies li għandha tistrieħ fuq ix-xhieda ta' Stefan Spiteri u in fatti, din il-Qorti tqies li l-akkuza li ġew ikkaġunati ġrieħi ħfief fuq il-persuna ta' Stefan Spiteri minn Charlene Nadine Spiteri ġiet ampjament ippruvatha mill-Prosekuzzjoni. Fir-rigward ta' piena, din il-Qorti sejra zzomm f' moħħa li ntuzat sikkina, li l-ġrieħi ġew magħmula kontra konjuġi u li l-

effett, ikkonsidrat sew għal dak li hu l-ġisem tal-offiż u kemm moralment, huwa ta' importanza żgħira.

Dwar it-tieni imputazzjoni u cioe' dik li ngurjat lil Stefan Spiteri, din il-Qorti qieset ix-xhieda mogħtija minn Stefan Spiteri li għazel li jixhed quddiem din l-istess Qorti. Huwa semma li seħħ inċident fis-16 ta' Settembru 2021 fejn kellhom argument fuq xi Revolut request u fuq xi insurance tat-televixin. Spjega li Charlene Nadine Spiteri qatlu biex ma jiġix lejn id-dar izda huwa kien mar xorta waħda u Charlene Nadine Spiteri baqgħet tgħidlu biex jippakkja u jitlaq 'il barra sakemm hija telqet 'il barra wara li huwa waqqa' bi zball il-kafe' li kellha f' idejha fuqha. Madanakollu, fl-ebda hin ma ġie ndikat minn Stefan Spiteri x' kienu dawn l-inġurji u theddid li allegatament ħassu ingurjat bihom fir-rigward ta' dan l-inċident tas-16 ta' Settembru 2021.

Mhux l-istess fir-rigward ta' l-inċident tat-18 ta' Settembru 2021, fejn Stefan Spiteri sostna li f'dan l-inċident, Charlene Nadine Spiteri kienet sostniet *"I will stab you! I will stab you! I will kill you! I will throw you out of the balcony"*. Din il-verzjoni izda ma ġietx mnizzla fir-rapport eżebit bhala Dok IA1. Din il-Qorti qieset ix-xhieda mogħtija minn Charlene Nadine Spiteri li nsistiet li hija bl-ebda mod ma nġurjat lil Stefan Spiteri. Fil-fehma umli ta' din il-Qorti, li kieku verament intqal tali theddid, Stefan Spiteri a tempo vergine kien jiġbed l-attenzjoni tal-uffiċjali tal-puliizja li kienu qed jinvestigaw dan il-każ u dawn kienu jnizzlu fir-rapport dan id-diskors, bhalma solitament isir. Il-fatt li tali kliem ma ġiex indikat fir-rapport tal-pulizija ta' dan l-inċident, u anke in vista tal-fatt li skont l-istess Stefan Spiteri, Charlene Nadine Spiteri sakkritu fil-gallerija, ikompli jikkonferma li dak l-allegat diskors partikolarment li "*I will throw you out of the balcony*' ma ntqalx. Li kieku verament Charlene Nadine Spiteri qalet dan id-diskors, ma kinitx ser issakkar lil

Stefan Spiteri ġewwa l-gallerija. Tali manuvra da parti ta' Charlene Nadine Spiteri turi l-oppost u ċioe' li sakkritu hemm biex tipproteġi lilha nnifisha jew biex tevita li dan l-inċident jeskala.

Għalhekk mill-assjem tal-provi, din il-Qorti ma tqisx li din it-tieni imputazzjoni ġiet ampjament ippruvatha.

Dwar it-tielet imputazzjoni u ċioe' li kkaġunat biza lil Stefan Spiteri li ser tintuza vjolenza kontra tiegħu, Din il-Qorti tagħmel referenza għal varja ġurisprudenza li lkoll jagħmluha ċara li jrid ikun hemm ċertu *course of conduct.* il-Qorti tagħmel riferenza għad-deċizjoni fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Raymond Parnis, deċiża fl-24 t'April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Riferenza għandha ssir ukoll għall-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro, deċiża fis-7 ta' Marzu 2012, u għall-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna, deċiża fil-21 ta' Frar 2012, liema sentenzi ġew mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-deċizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

*"Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm a course of conduct kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din a course of conduct fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra tal-appellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta".*

Illi l-Artikolu tal-Liġi, ċioé Artikolu 251B((1) jgħid hekk: *"li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra"*. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-provi mismugħa minn din il-Qorti, il-Qorti hija tal-fehma li din l-imputazzjoni ma ġietx ippruvatha. Għalkemm ġie ppruvat li seħħ inċident bejn il-konjuġi Spiteri fit-18 ta' Settembru 2021, ma tressqux provi lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli li verament kien hemm dan il-*course of conduct* rikjest mil-liġi sabiex tiġi kkaġunata biza lil Stefan Spiteri li ser tintuza vjolenza kontrih. In fatti, Stefan Spiteri xehed biss dwar inċident ieħor li allegatament seħħ fis-16 ta' Settembru 2021, izda f' dan l-inċident kien hu stess li ġie ordnat mill-Pulizija biex joħroġ mill-fond li kien qed joqgħod flimkien ma' Charlene Nadine Spiteri u dana in vista ta' rapport li kienet marret għamlet l-istess Charlene Nadine Spiteri. In oltre, għalkemm saru allegazzjonijiet li kien hemm inċidenti oħra bejn l-allegata parte leza u l-imputata, ma tressqux provi lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli dwarhom mill-prosekuzzjoni. Għalhekk, ma ġiex ippruvat il-*course of conduct* li huwa neċessarju biex japplika l-artikolu 251B(1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċide:**

**Għaldaqstant u ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti qed tillibera lil imputata mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni filwaqt li wara li rat l-artikoli 221(3)(a), 222(1)(a) u 217 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta qed issibha ħatja li kkagunat ġrieħi hfief lil Stefan Spiteri u b' applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi zmien sentejn mill-lum. Il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem li jiftiehem sew li jekk il-ħatja tagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-ħatja tkun tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali.**

**Inoltre` b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil imputata biex tħallas lir-Reġistratur ta' din il-Qorti s-segwenti ammonti : EUR 399.04c (spejjeż imħallsa lil espert Dr Cherubino fir-rigward tar-rapport li pprepara fejn eżamina lil Stephen Spiteri) u EUR 265.50c (spejjeż imħallsa lil Dr Daniel Calleja).**

**Inoltre, il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, torbot lill-ħatja b'garanzija personali ta' ħames mitt ewro (€ 500.00) għal zmien sena mil-lum sabiex bl-ebda mod ma timmolesta lil Stefan Spiteri.**

(ft.) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur